MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Numru. 469/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**

**VS**

**MARK SCIORTINO**
**(ID Nru. 98284M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 469/2014

Illum, 24 ta` Frar, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Sciortino, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 98284M.

**Akkuzat talli:**

Nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta` Mejju, 2006, gewwa Hal-Tarxien bejn l-erbgha ta` filghodu (04:00hrs) u s-sitta ta` filghodu (06:00hrs) ikkommetta serq ta` *stereo* minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBC149 ghad-dannu ta` Mark Barbara u jew persuni ohra liema serq jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta hsara volontarja fuq il-vettura CBC149 ghad-dannu ta` Mark Barbara liema hsara teccedi il-mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

U aktar talli gewwa dawn il-gzejjer xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif ukoll il-fatt illi huwa kkowopera mal-Awtoritajiet Investigattivi;

Wara li rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat;

Wara li rat il-Fedina Penali pjuttost retta tieghu;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 325 (1B), 334, 215, 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti wara li rat l-ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti temmen illi piena karcerarja esekuttiva m'hijiex applikabbli f'dan il-kaz. Ghaldaqstant dina l-Qorti qiedgha tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-llum ai termini tal-Artikoli 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta` Malta. Illi wkoll dina l-Qorti qiedgha tordna li l-imputat jigi sorveljat *tramite probation officer* li ghandu jigi nominat minn din il-Qorti li ghandu jirraporta verbalment lil din il-Qorti kull tliet (3) xhur dwar l-andament tal-imputat u specjalment id-dipendenza tieghu fuq id-droga. Din il-Qorti qiedgha wkoll tordna li l-imputat jaghmel hamsin (50) siegha ta` xoghol komunitarju ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex dan jitghallem ir-responsabiltajiet tieghu versu s-socjeta` u terzi.
Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------